32005D0723

L 272/18 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 18.10.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Ottubru 2005

dwar programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali, ta' ċerti TSEs, u għall-prevenzjoni taż-żoonożi, li jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja fl-2006

(innotifikata taħt id-dokument numru C(2005) 3922)

(2005/723/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 24(5) u l-Artikolu 32 tagħha,

Billi:

(1) Ċerti Stati Membri ressqu programmi lill-Kummissjoni għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali, programmi ta' kontroll li huma mmirati lejn il-prevenzjoni taż-żoonożi u programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ ta' ċerti enkefalopatiji sponġiformi trażmisibbli (TSEs) li għalihom jixtiequ jirċievu kontribut finanzjarju mill-Komuità.

(2) Skond ir-Regolament (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni [2], il-programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali u ż-żoonożi għandhom jiġu ffinanzjati taħt is-Sezzjoni tal-Garanziji tal-Fond Ewropew għall-Garanzija u l-Gwida Agrikoli. Għal raġunijiet ta' kontroll finanzjarju, l-Artikoli 8 u 9 ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu applikati.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistipola regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enkefalopatiji sponġiformi trażmissibbli [3], jistipola regoli ta' monitoraġġ u eradikazzjoni tat-TSEs fl-annimali bovini, ovini u kaprini.

(4) Fit-tfassil tal-listi tal-programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali, il-lista ta' programmi ta' kontrolli li huma mmirati lejn il-prevenzjoni taż-żoonożi u l-lista tal-programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ ta' ċerti enkefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSEs) li jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2006, u r-rata proposta u l-ammont massimu tal-kontribuzzjoni għal kull programm, l-interess ta' kull programm għall-Komunità, il-konformità tiegħu mad-dispożizzjonijiet tekniċi tal-leġislazzjoni veterinarja Komunitarja u l-volum ta' l-approprjazzjonijiet disponibbli għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni.

(5) L-Istati Membri taw lill-Kummissjoni informazjoni sabiex tkun tista' tassessja l-interess tal-Komunità li tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lejn il-programmi fl-2006.

(6) Il-Kummissjoni kkunsidrat kull programm li tressaq mill-aspett veterinarju u dak finanzjarju u hija sodisfatta li dawk il-programmi għandhom jiġu inklużi fil-listi ta' programmi li jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2006.

(7) Fid-dawl ta' l-importanza ta' dawk il-programmi għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika u ta' l-annimali, kif ukoll l-applikazzjoni obbligatorja ta' kull Stat Membru fil-każ tal-programmi TSE, il-livell l-iktar xieraq ta' l-assistenza finanzjarja mill-Komunità għandu jiġi aċċertat.

(8) Huwa għalhekk xieraq li jiġu adottati lista ta' programmi li jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2006 u li tiġi ffissata r-rata proposta u l-ammont massimu ta' dawk il-kontribuzzjonijiet.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003, (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

[2] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 103.

[3] ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1292/2005 ĠU L 205, 6.8.2005, p. 3).

(9) Il-miżuri stipolati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali elenkati fl-Anness I għandu jikkwalifika għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2006.

2. Għal kull programm kif jissemma fil-paragrafu 1, ir-rata proposta u l-ammont massimu tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandhom għandhom ikunu kif stipolat fl-Anness I.

Artikolu 2

1. Il-programmi ta' kontrolli għall-prevenzjoni taż-żoonożi elenkati fl-Anness II għandhom jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2006.

2. Għal kull programm kif jissemma fil-paragrafu 1, ir-rata proposta u l-ammont massimu tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandhom għandhom ikunu kif stipolat fl-Anness II.

Artikolu 3

1. Il-programmi għall-monitoraġġ tat-TSE (BSE u *scrapie*) elenkati fl-Anness III għandhom jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2006.

2. Għal kull programm kif jissemma fil-paragrafu 1, ir-rata proposta u l-ammont massimu tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandhom għandhom ikunu kif stipolat fl-Anness III.

Artikolu 4

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tat-BSE elenkati fl-Anness IV għandhom jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2006.

2. Għal kull programm kif jissemma fil-paragrafu 1, ir-rata proposta u l-ammont massimu tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandhom għandhom ikunu kif stipolat fl-Anness IV.

Artikolu 5

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni ta' l-i*scrapie* elenkati fl-Anness V għandhom jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2006.

2. Għal kull programm kif jissemma fil-paragrafu 1, ir-rata proposta u l-ammont massimu tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandhom ikunu kif stipolat fl-Anness V.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar l-14 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Lista ta' programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali (Artikolu 1(1))

RATA U L-AMMONT MASSIMU TAL-KONTRIBUZZJONI FINANZJARJA KOMUNITARJA

Marda	Stat Membru	Rata	Ammont massimu (EUR)
Marda ta' Aujeszkys	Il-Belġju	50 %	160 000
	Spanja	50 %	100 000
Bluetongue	Spanja	50 %	2 200 000
	Franza	50 %	150 000
	L-Italja	50 %	1 000 000
	Il-Portugall	50 %	1 250 000
Bruċelloži bovina	Il-Greċja	50 %	300 000
	Spanja	50 %	6 000 000
	L-Irlanda	50 %	1 750 000
	L-Italja	50 %	2 600 000
	Ċipru	50 %	300 000
	Il-Polonja	50 %	260 000
	Il-Portugall	50 %	1 800 000
	Ir-Rejnu Unit (1)	50 %	1 900 000
Tuberkuloži Bovina	L-Estonja	50 %	65 000
	Spanja	50 %	5 000 000
	L-Italja	50 %	1 800 000
	Il-Polonja	50 %	800 000
	Il-Portugall	50 %	240 000
Deni klassiku tal-majjali	Ir-Repubblika Ċeka	50 %	35 000
	Il-Ġermanja	50 %	600 000
	Franza	50 %	400 000
	Il-Lussemburgu	50 %	15 000
	Is-Slovenja	50 %	25 000
	Ir-Repubblika Slovakka	50 %	400 000
Lewkoży enzotika bovina	L-Estonja	50 %	5 000
	L-Italja	50 %	200 000
	Il-Litwanja	50 %	100 000
	Il-Latvja	50 %	50 000
	Il-Portugall	50 %	100 000
Bruċelloži ovina u kaprina (B melitensis)	Il-Greċja	50 %	600 000
	Spanja	50 %	6 500 000
	Franza	50 %	150 000
	L-Italja	50 %	3 200 000
	Ċipru	50 %	310 000
	Il-Portugall	50 %	1 000 000
Poseidom (2)	Franza (3)	50 %	100 000

Marda	Stat Membru	Rata	Ammont massimu (EUR)
Ir-Rabbja	L-Awstrija	50 %	180 000
	Ir-Repubblika Ċeka	50 %	390 000
	Il-Ġermanja	50 %	750 000
	L-Estonja	50 %	990 000
	Franza	50 %	105 000
	Il-Finlandja	50 %	100 000
	Il-Litwanja	50 %	600 000
	Il-Latvja	50 %	650 000
	Il-Polonja	50 %	3 750 000
	Is-Slovenja	50 %	300 000
	Ir-Repubblika Slovakka	50 %	400 000
Id-deni Afrikan tal-majjali/Deni klassiku tal-majjali	L-Italja	50 %	50 000
		Total	49 730 000

(1) Ir-Renju Unit fir-rigward ta' l-Irlanda ta' Fuq.

(2) Il-marda ta' l-ilma fil-qalb, il-babesijosi and l-anaplasmosi trażmessi minn insetti li jservu ta' vetturi ta' tixrid fid-dipartimenti ta' barranin Franċiżi.

(3) Franza fir-rigward tal-Guadaloupe, Martinique u Réunion biss.

ANNESS II

Lista ta' programmi tal-kontrolli I huma mmirati lejn il-prevenzjoni taż-żoonożi (Artikolu 2(1))

RATA U L-AMMONT MASSIMU TAL-KONTRIBUZZJONI FINANZJARJA KOMUNITARJA

Żoonożi	Stat Membru	Rata (%)	Ammont massimu (EUR)
Salmonella	L-Awstrija	50	72 000
	Il-Belġju	50	650 000
	Ċipru	50	69 000
	Id-Danimarka	50	155 000
	Il-Ġermanja	50	900 000
	Franza	50	315 000
	L-Irlanda	50	75 000
	L-Italja	50	675 000
	Il-Latvja	50	73 000
	L-Olanda	50	759 000
	Il-Portugall	50	488 000
	Ir-Repubblika Slovakka	50	232 000
		Total	4 463 000

ANNESS III

Lista ta' programmi għall-monitoraġġ tat-TSEs (Artikolu 3(1))

RATA U L-AMMONT MASSIMU TAL-KONTRIBUZZJONI FINANZJARJA KOMUNITARJA

Marda	Stat Membru	Testijiet rapidi tar-rata & testijiet diskriminatorji li saru	Ammont massimu (EUR)
TSEs	Il-Belġju	100	3 155 000
	Ir-Repubblika Ċeka	100	1 485 000
	Id-Danimarka	100	2 115 000
	Il-Ġermanja	100	13 940 000
	L-Estonja	100	225 000
	Il-Greċja	100	545 000
	Spanja	100	8 305 000
	Franza	100	24 395 000
	L-Irlanda	100	5 035 000
	L-Italja	100	7 345 000
	Ċipru	100	280 000
	Il-Latvja	100	340 000
	Il-Litwanja	100	700 000
	Il-Lussemburgu	100	135 000
	L-Ungerija	100	915 000
	Malta	100	25 000
	L-Olanda	100	4 375 000
	L-Awstrija	100	1 755 000
	Il-Polonja	100	3 430 000
	Il-Portugall	100	1 605 000
	Is-Slovenja	100	390 000
	Is-Slovakkja	100	665 000
	Il-Finlandja	100	935 000
	L-Iżvezja	100	285 000
	Ir-Renju Unit	100	5 925 000
		Total	88 305 000

ANNESS IV

Lista ta' programmi għall-eradikazjoni tal-BSE (Artikolu 4(1))

RATA U L-AMMONT MASSIMU TAL-KONTRIBUZZJONI FINANZJARJA KOMUNITARJA

Marda	Stat Membru	Rata	Ammont massimu (EUR)
BSE	Il-Belġju	50 % qatla	150 000
	Ir-Repubblika Ċeka	50 % qatla	750 000
	Id-Danimarka	50 % qatla	100 000
	Il-Ġermanja	50 % qatla	875 000
	L-Estonja	50 % qatla	15 000
	Il-Greċja	50 % qatla	15 000
	Spanja	50 % qatla	1 000 000
	Franza	50 % qatla	300 000
	L-Irlanda	50 % qatla	2 800 000
	L-Italja	50 % qatla	200 000
	Ċipru	50 % qatla	15 000
	Il-Lussemburgu	50 % qatla	100 000
	L-Olanda	50 % qatla	60 000
	L-Awstrija	50 % qatla	15 000
	Il-Polonja	50 % qatla	985 000
	Il-Portugall	50 % qatla	685 000
	Is-Slovenja	50 % qatla	25 000
	Is-Slovakkja	50 % qatla	65 000
	Il-Finlandja	50 % qatla	25 000
	Ir-Renju Unit	50 % qatla	530 000
		Total	8 710 000

ANNESS V

Lista ta' programmi għall-eradikazjoni ta' l-iscrapie (Artikolu 5(1))

RATA U L-AMMONT MASSIMU TAL-KONTRIBUZZJONI FINANZJARJA KOMUNITARJA

Marda	Stat Membru	Rata	Ammont massimu (EUR)
Scrapie	Il-Belġju	50 % qatla; 100 % genotyping	100 000
	Ir-Repubblika Ċeka	50 % qatla; 100 % genotyping	105 000
	Id-Danimarka	50 % qatla; 100 % genotyping	5 000
	Il-Ġermanja	50 % qatla; 100 % genotyping	1 105 000
	L-Estonja	50 % qatla; 100 % genotyping	6 000
	Il-Greċja	50 % qatla; 100 % genotyping	1 060 000
	Spanja	50 % qatla; 100 % genotyping	12 790 000
	Franza	50 % qatla; 100 % genotyping	4 690 000
	L-Irlanda	50 % qatla; 100 % genotyping	705 000
	L-Italja	50 % qatla; 100 % genotyping	530 000
	Ċipru	50 % qatla; 100 % genotyping	5 215 000
	Il-Latvja	50 % qatla; 100 % genotyping	10 000
	Il-Litwanja	50 % qatla; 100 % genotyping	5 000
	Il-Lussemburgu	50 % qatla; 100 % genotyping	35 000
	L-Ungerija	50 % qatla; 100 % genotyping	50 000
	L-Olanda	50 % qatla; 100 % genotyping	685 000
	L-Awstrija	50 % qatla; 100 % genotyping	15 000
	Il-Portugall	50 % qatla; 100 % genotyping	865 000
	Is-Slovenja	50 % qatla; 100 % genotyping	160 000
	Is-Slovakkja	50 % qatla; 100 % genotyping	250 000
	Il-Finlandja	50 % qatla; 100 % genotyping	6 000
	L-Iżvezja	50 % qatla; 100 % genotyping	6 000
	Ir-Renju Unit	50 % qatla; 100 % genotyping	5 740 000
		Total	34 138 000